MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2011

Numru 586/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT**
**VS**
**OMMISSIS (IMPUTAT)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ommissis (imputat) ta’ Ommissis sena, iben Ommissis, imwieled Pieta fis-Ommissis, residenti Ommissis u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru Ommissis.

Illi huwa akkuzat talli fix-xhur ta’ bejn Mejju u Gunju 2008 gewwa Ommissis gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, filmat, *video recording* jew xbieha elettronika indicenti ta’ persuna taht l-eta’ jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, trasmetta jew wera xi ritratt, filmat, *video recording* jew xbieha elettronika indicenti;

Aktar talli fl-istess residenza u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, fix-xhur ta' Mejju u Gunju 2008, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli:

B'eghmil zieni, ikkorrompa lil ***Ommissis (minuri 1)*** minuri ta' sbatax –il sena;

Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u cioe' ma'  ***Ommissis (minuri 1);***

Offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku.

Aktar talli fix-xahar ta' Gunju 2008 f'dawn il-gzejjer bil-hsieb li jgieghel persuna ohra taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jaghti malafama lil dik il-persuna u cioe lil ***Ommissis (minuri 2)***.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija ***Ommissis (minuri 1)***u ta' ***Ommissis (minuri 2)*** u l-familja taghhom u persuni ohra, minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni involuti u l-familja taghhom ai termini tal-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghal rigward l-ewwel, it-tielet, ir-raba, u l hames akkuza (a fol 2,3,9);

Semghet il-konferma tal-istess ammissjoni kif fuq indikat wara li l-Qorti akkordat zmien ragenovoli ghall-ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' Spettur Grazziella Muscat jirrizulta illi kien sar rapport minn Ommissis (minuri 2) (ex-girlfriend) tal-imputat, li waqt li kienet qed tara CD b'ritratti moghti lilha mill-imputat, fuq DVD player d-dar mal-mama taghha, dehru ritratti kompromettenti ta' l-imputat ma' certu Ommissis (minuri 1). Ommissis (minuri 2) kienet taf li Ommissis (minuri 1) kienet minuri taht l-eta' ta' tmintax il-sena (18). Ghalhekk Ommissis (minuri 2) ghaddiet s-CD lill-pulizija u informat lill-pulizija li l-guvni li kien jidher gharwien fir-ritratti kien l-ex boyfriend taghha cioe' l-imputat.

Saret tfittxijja fir-residenza tal-imputat u post tax-xoghol tal-habib tal-imputat u gew elevate diversi kompjuters. L-imputat irillaxxa tlett stqarrijiet fejn ammetta li hu kien gibed filmat tal-girlfriend tieghu bil-kunsens taghha. Illi kienu ftehmu li l-imputat kellu jhassar dan il-filmat u hekk ghamel. Gara pero' li l-filmat baqa registrat fil-*camera* xorta wahda u gie trasferit fuq cd flimkien ma' ritratti ta' certu Joseph Farrugia. Dan gar ail-ghaliex Farrugia kien talab l-imputat biex jisilfu il-*camera* tieghu sabiex jiehu xi ritratti, imbaghad talbu ghall-*camera* innifisha sabiex jitrasferrixxi r-ritratti fuq cd.

L-imputat stqarr illi ltaqa ma' Ommissis (minuri 1) fuq Hi5 u bdew johorgu flimkien. Hu sostna li Ommissis (minuri 1) kellha 18-il sena u li kien iwassalla l-universita' – (fil-fatt jirrizulta li kien iwassalla sal-junior college). Il-filmat juri l-imputat u Ommissis (minuri 1) f'att ta' kongungiment karnali.

Jirrizulta li Ommissis (minuri 1) dak iz-zmien kellha sbatax (17)-il sena. Irrizulta wkoll illi Ommissis (minuri 1) kellha

erbgha (4) esperjenzi sesswali qabel l-attività sesswali mal-imputat (a fol 27).

PS 516 Alfio Borg a fol 32 *et sequitur.* xhed li kien inghata CD mill-Ispettur Muscat u Ommissis (minuri 2) u trasferieh fuq DVD. Dan is-Cd u DVD gew ezebiti bhala AB 1 u AB 2.

Spettur Graziella Muscat ezebiet il-kunsens tal-Avukat Generali li gie mmarkat bhala Dok GM a fol 35.

Ommissis (minuri 1) ta' sbatax (17)-il sena xhedet a fol 37 et sequitur. illi bejn Jannar u Frar tat-2008 kienet saret taf lil imputat u kellha x'taqsam mieghu sesswalment. Illi f'okkazzjoni minnhom, kien gibed l-att tal-kongungiment karnali bil-*camera* tieghu, minghajr il-kunsens jew taghrif taghha. Infatt iqalilha li l-*camera* ma kinitx imqabda. Wara ftit zmien, l-imputat irrikoncilja mal-ex girlfriend tieghu Ommissis (minuri 2).

Ommissis (minuri 1) xhedet illi l-imputat kien jaf li kellha sbaghtax-il sena (17) ghaliex kienet bdiet tohrog mieghu xi jumejn wara l-birthday taghha. Ommissis (minuri 1) xhedet illi hija ma kellhiex problema dwar il-fatt li kellu x'jaqsam maghha meta kellha sbaghtax-il sena (17), izda hasset ruhha tradita, meta gibed il-video minghajr il-kunsens taghha u bil-qerq. Ommissis (minuri 1) xhedet illi l-imputat kien jiffitha u kien persistenti maghha biex ikollu x'jaqsam maghha izda qatt ma uza xi vjolenza ( a fol 42) A fol 43 Ommissis (minuri 1) xhedet li hija kienet ippartecipat f''anal sex' mal-imputat, attività sesswali li qatt ma kellha precedentement.

Ommissis (minuri 1), xhedet illi f'xi hin setghet qaltlu li setghu jigbdu filmat izda meta dahlu fl-appartament, irrifjutat li jiehdu filmat tal-attività sesswali taghhom u l-imputat qalilha li l-*camera* ma kinitx qed tigbed video. L-imputat ma tefiex id-dawl u ma dahalx taht il-frix.

Ommissis (minuri 1) fol 49 gharfet lil Imputat.

Ommissis (minuri 2) kkonfermat li kellha relazzjoni mal-imputat fuq medda ta’ disgha (9) xhur mill-15 t’Awwissu 2007. Illi hi u l-imputat kienu johorgu ma’ hbieb ohra, jiehdu ritratti u f’okkazzjonijiet minnhom l-imputat kien ta’ l-*camera* tieghu lil habib taghhom Joseph Farrugia biex jaghmel kopja tar-ritratti tal-grupp ta’ hbieb taghhom u ghaddielha kopja – cioe’ CD.

Hija rat dan ic-CD ma’ ommha u kien hemm illi fegg il-filmat tal-imputat f’kongungiment karnali ma’ Ommissis (minuri 1). Ommissis (minuri 2) hasret minn mal-imputat. Illi sussegwentement l-imputat kien heddidha biex ma tparlax izzejjed ghaliex bhal CD ta’ Ommissis (minuri 1) kellu tnejn **taghha** (ta’ Ommissis (minuri 2).

Ommissis (minuri 2) xhedet li qatt ma tat permess lill-imputat biex jigbed ritratti kompromettenti taghha. Din kienet ir-raguni il ghaliex kellha tirrikorri ghand il-pulizija.

Joseph Farrugia a fol 57 kkonferma li l-imputat kien wiehed mill-hbieb tieghu tal-gym u li kien jaf lil Ommissis (minuri 2), girlfriend tal-imputat. Farrugia xhed li waqt riceviment, kien talab jiehu lil imputat ghal *camera* tieghu ritratti minhabba li kien nesa l-*camera* warajh. Ghalhekk ftit wara Farrugia talab lill-imputat ghall-konsenja tal-*camera* tieghu sabiex jizviluppa r-ritratti u jitrasferihom fuq CD.

Ftit wara kien ghadda din c-CD lil Ommissis (minuri 2).

PC 1490 Joseph Muscat ikkonferma li eleva l-kompjuter, *camera* tal-imputat u ezebixxa rapport r-rapport tieghu Dok C1.

WPC 89 Mariella Spiteri kkonfermat l-istqarrija tal-imputat Dok GM3.

WPC 76 Sarah Jane Spiteri, a fol 87 ikkonfermat d-dikjarazzjoni ta’ Ommissis (minuri 1).

A fol 94, Spettur Graziella Muscat ezebiet c-certifikat tat-twelid ta’ Ommissis (minuri 1).

Martin Bajada a fol 97 ezebixxa relazzjoni tieghu Dok. MB, irretorna l-mobile phones GMX u GMY u rriproduca ‘l messaggi kontenuti fit-telephones imsemmija.

Supretendent Paul Caruana a fol 231 ikkonferma r-rapport DOK C1.

Spettur Graziella Muscat ezebiet sentenza moghtija mill-Qrati Maltin fil-konfront tal-imputat datata 22 ta’ Ottubru 2009.

Ikkonsidrat:

L-imputat ghamel ammissjoni ghall-maggor parti tal-akkuzzi dedotti kontra tieghu cioe’ l-akkuzi kollha ghajr it-tieni akkuza u cioe’ dik ta’ korruzzjoni ta’ minorenni ai termini tal-artikli 203. Id-difiza rriteniet illi fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-tielet akkuza u cioe’ dik ta’ participazzjoni f’attivita sesswali ma’ persuna taht l-eta’ kienet l-akkuza li l-aktar illi tinkwadra fil-parametri dettati mic-cirkostanzi tal-kaz.

Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa x-xhieda tal-prosekuzzjoni, hi tal-fhema illi mehud in konsiderazzjoni l-fatt li l-minuri Ommissis (minuri 1) kellha sbghatax-il sena maghluqa meta ltaqat ma’ u kellha relazzjonijiet intimi mal-imputat, mehud in konsiderazzjoni l-manjera leggera illi biha din il-minuri fit-testimonjanza taghha wriet il-Qorti car u tond illi hija ma kellha ebda problema bl-istat ta’ fatt illi hija kellha relazzjoni sesswali mal-imputat meta hija kellha sbaghtax-il sena il-ghaliex kellha erbgha (4) avventuri sesswali qabel ma ltaqet mal-imputat, hi tal-fhema illi c-cirkostanzi ta’ dan il-kaz jinkwadraw ahjar fil-parametri tar-reat kontemplat fit-tielet akkuza u cioe’ l-participazzjoni f’attivita sesswali ma’ minuri.

Infatti Artiklu 204C jipprovdi:

***Whosoever takes part in sexual activities with a person under age shall, on conviction, be liable to***

***imprisonment for a term not exceeding two years, with or without solitary confinement.***

Illi ma jirrizulta illi kien hemm ebda wiehed mill-aggravi mahsuba fis-sub inciz 2 a sa d tal-istess Artiklu fuq indikat mill-provi illi gew prodotti mill-prosekuzzjoni.

Illi ghall-dawn il-mottivi, Il-Qorti ssib lill-imputat Ommissis (imputat) hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba u l-hames akkuza u wara li rat l-Artikoli 18,208A, 204C, 209, 339(1)(e), 28(a), 28(G) tal-Kap 9 tal-Ligjijiet ta' Malta, Artiklu 7 tal-Kap 446, tikkundanna lill-imputat Ommissis (imputat) ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin.

In oltre', tqieghedu taht Supervision Suspended Order taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat ghal perjodu ta' tlett snin. Illi, di piu', l-Qorti jidhrila li fil-kaz ordjen ikun ghaqli illi tqieghed lill-imputat taht Treatement Order, taht il-kura tal-psikologa Roberta Holland ghal perijodu ta' sentejn, b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Roberta Holland.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-eta' ta' sbghatax il-sena l-kwerelanti minuri Ommissis (minuri 1), il-fatti speci kollha tal-kaz inkluz is-sofferenzi emozzjonali ta' Ommissis (minuri 2).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------